MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 637/2006

**Anthony (Raymond Anthony) sive Janet (Wendy Janet) Agius**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat attrici datat 14 ta' Lulju 2006 u pprezentata quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti twieled fl-14 ta' Jannar 1975 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok "A").

Illi r-rikorrenti huwa domiciljat hawn Malta.

Illi minn ckunitu, l-esponenti kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll estranament.

Illi ghalhekk, sabiex jehles mill-konfini interni ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu, r-rikorrenti issottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *"gender reassignment"* fi sptar fl-Ingilterra u b'hekk assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli.

Illi l-**artikolu 257A tal-Kap 16** jistabbilixxi illi r-rikorrenti, f'dawn ic-cirkostanzi, jista' jitlob permezz ta' citazzjoni, sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talab lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16**, u dan permezz ta' periti nominandi.

2. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257A tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess tar-rikorrenti fl-istess certifkati tat-twelid jigi jaqra "femminili".

3. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem tar-rikorrenti minn Anthony (Raymond Anthony), isir jaqra Janet (Wendy Janet) Agius.

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. “A” li huwa certifikat tat-twelid u Dok. “B”, “C” u “D” li huma certifikati medici kif jidhru a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li dan ir-rikors kien gie appuntat ghas-smiegh fl-20 ta’ Lulju 2005 minn din il-Qorti kif hekk presjeduta, b’digriet ta’ l-affidavit lill-partijiet u b’nomina ta’ Perit Mediku ghas-seduta tal-31 ta’ Ottubru 2006.

Rat ir-rikors ta’ Anthony (Raymond Anthony) sive Janet (Wendy Janet) Agius datat 14 ta’ Lulju 2006 (fol. 14) fejn talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tappunta l-kawza fl-ismijiet premessi b’urgenza u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet moghti mill-Qorti fl-20 ta’ Lulju 2006 fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 4 ta’ Settembru 2006 a fol. 17 tal-process fejn espona:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti fil-mertu mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti .

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li tingieb il-prova tad-domicilju u li Anthony (Raymond Anthony) *sive* Janet (Wendy Janet) Agius ma kkontrattax zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 257A tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzeta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat u ghalhekk l-esponenti m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta' l-istanti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.
Ghaldaqstant, l-esponenti fir-rigward tat-talbiet dedotti fir-rikors umilment jirrimetti ruhu fil-mertu a bazi ta' din ir-risposta; bl-ispejjes.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur Registru Pubbliku a fol. 18 tal-process.

Rat in-nota ta' Anthony (Raymond Anthony) sive Janet (Wendy Janet) Agius datata 20 ta' Settembru 2006 li biha esebixxa l-affidavit tieghu mmarkat bhala Dok "A" kif jidher a fol. 21 tal-process.

Rat l-estratt ta' l-avviz tal-pubblikazzjoni mill-Gazzetta tal-Gvern datat 30 t'Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-31 ta' Ottubru 2006 a fol. 25 tal-process fejn deher Dr. David Camilleri ghar-rikorrenti. Deher ukoll il-Perit Mediku Mark Brincat li halef ir-rapport u dehret Dr. Roma D'Alessandro ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku. Id-difensuri rrimettew ruhhom ghall-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku tal-Profs Mark P. Brincatipprezentat fir-Registru fid-19 ta' Ottubru 2006 u mahluf *seduta stante* fil-31 ta' Ottubru 2006.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ix-xhieda kollha hemm esebita

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn ir-rikorrenti li huwa domiciljat Malta allega li twieled fl-14 ta' Jannar 1975 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. "A"); u peress li minn ckunitu, l-esponenti kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament huwa ssottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *"gender reassignment"* u b'hekk assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat mahrug l-Ingilterra (Dok. "B"); ghalhekk a bazi ta' l-**artikolu 257A tal-Kap 16** talab sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu; u li din il-Qorti tiddikjara illi huwa assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16**, u dan permezz okkorendo ta' periti nominandi; talab ukoll li din il-Qorti tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257A tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess tar-rikorrenti fl-istess certifkati tat-twelid jigi jaqra "femminili" u wkoll sabiex issir annotazzjoni fis-sens illi isem ir-rikorrenti minn Anthony (Raymond Anthony), isir jaqra Janet (Wendy Janet).

Illi mill-provi prodotti jidher li t-talba hija gustifikata peress li jidher li r-rikorrenti kellu verament inklinazzjonijiet femminili u beda jiehu korsijiet ta' *hormontherapy* u fil-25 ta' Mejju 2006 ghamel operazzjoni ta' *gender reassignment* go l-Ingilterra li rnexxiet u fil-fatt l-istess rikorrenti jghid li jhossu ghal kollox bhal mara u ghalhekk qed jaghmel din il-kawza sabiex isiru l-korrezzjonijiet opportuni sabiex huwa jigi ndikat bhala mara u ismu jsir Janet (Wendy Janet).

Illi prova li saret l-istess operazzjoni huwa c-certifikat datat 2 ta' Gunju 2006 mahrug minn Mr. Philip J. Thomas esebit

bhala Dok. "D" a fol. 7 tal-process u dan jikkonferma li r-rikorrenti huwa llum mara. Ikkonferma wkoll li huwa mhux mizzewweg u li sallum dejjem ghex Malta fejn allura huwa wkoll domiciljat.

Illi l-espert mediku mqabbad mill-Qorti l-Professur Mark P. Brincat b'certifikat datat 10 ta' Ottubru 2006 mahluf *seduta stante* fil-31 ta' Ottubru 2006 ikkonferma li wara li ezamina lir-rikorrenti, sab u iccertifika li l-istess rikorrenti ghandu llum il-persuna ta' mara u li *"she is functionally and phenotypically female"* u li din hija posizzjoni irriversibbli u dan kollox kif jidher a fol. 26 tal-process u ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet rikjesti u necessarji kollha abbazi ta' l-**artikoli 257A, 257B u 257 C tal-Kap 16.**

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet ta' l-intimat biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16** u dan kif gie ppruvat u kkonfermat mill-espert mediku li gie appositament nominat minn din il-Qorti.

2. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257A tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess tar-rikorrenti fl-istess certifkat tat-twelid jigi jaqra "femminili".

3. Tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem ir-rikorrenti minn "Anthony", isir jaqra "Janet (Wendy Janet)" u dan kollox *ai termini* tad-disposizzjonijiet appositi tal-**Kap 16** inkluzi l-**artikoli 257 A, 257 B, u 257 C ta' l-istess Kap.**

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess rikorrenti odjerna abbazi ta' l-**artikolu 257 A (5) tal-Kap 16.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------